# Il-Mewt ta' kuljum

MHUX il-funerali li naraw għaddejjin fit-toroq, jew il-quddies tal-mejtin li jsiru fil-parroċċi, mhux ix-xogħol bla waqfien tad-deffiena u l-għexieren ta' ismijiet li l-Kappuċċin ta' l-Addolorata, iniżżel kuljum fir-reġistru tal-mejtin; le, mhux dan li jġegħilni naħseb fil-mewt. Anqas il-ġiri u t-tħabrik tat-tabib biex jissielet u jeħles il-marid minn taħt idejn "Ċensa l-għamja". Xejn minn dan kollu ma jħassibni fil-mewt.

Jien ma narax il-mewt fi tmiem ix-xogħol tagħha, u meta nisma' t-tokki funebri jiġini ħsieb ieħor, ħsieb kollu kemm hu bil-maqlub ta' dak tal-kotra. Jagħtini li, flok nuri jew nilbes l-iswed tal-vistu, u ntawwal wiċċi bis-swied il-qalb, nagħmel il-kuntrarju — nilbes gala, nuri wiċċi għad-dawl, nifraħ u nferraħ. Dana ma jfissirx li d-drawwiet tal-familja ma nqimhomx. U anqas sejrin tarawni nfaqqa' d-daħk f'wiċċ min jitlef 'il xi wieħed mill-egħżież tiegħu u ngħid "nifraħlek" flok l-"għomor lilek u 'l min baqagħlek". F'mumenti bħal dawn mhux tidħak trid — għall-inqas minn barra — iżda ssabbar lill-imnikket, tibki 'l min ħalliena u, jekk taf, ixxerred xi demgħa.

Nifraħ. Fil-mewt, jiġifieri meta jmut xi ħadd, miegħu tmut ukoll il-mewt. Waħda mill-miljuni ta' mwiet li tagħhom nagħmlu l-għid darba fis-sena. Irrid ingħid fil-ħajja hemm il-mewt; il-mewt u l-ħajja twieldu flimkien hekk li meta titwieled tarbija tkun twieldet ukoll mewtha; bdiet tmut minn meta twieldet... u baqgħet tmut sakemm ruħha sebqet 'il ġisimha; sa dak in-nhar jiġifieri li qrabat il-mejjet indunaw bil-mewt.....

Tifhmu għaliex nidħak f'qalbi, mela, meta nisma' mhux wieħed u tnejn, l-aktar minn dawk li saru jistgħu jroxxu l-bżar fuq il-kromb, igħidulek, "Kul u ixrob! Għada min raħ! Darba mmutu! "Where ignorance is bliss, 'tis folly to be wise", u għandu raġun Pope; mur oqgħod merihom lill-ottimisti li mhux minnu li darba mmutu; għax ilhom jersqu lejn il-qabar sa minn mindu kienu fi ħdan ommhom; li din is-sentenza tal-mewt ilha maqtugħa sa minn mindu Adam missierna kiser il-kelma tal-Mulej.

Qabel id-dnub tan-nisel ma kienx hemm trobbija, tfulija, żgħożija, irgulija, xjuħija; ma kienx hemm stages fil-funeral... għax ma kienx hemm funeral. Il-lum iva, il-lum il-mewt taraha kuljum mhux fil-mejtin; dawk ma baqgħux imutu, ma għad-

homx jaħdmu l-parti tagħhom fuq il-palk; mhux bħal ħajjin, li qegħdin imutu kuljum.

Ngħiduha kif inhi. Mhux għax ma jindunawx li qed imutu. Kieku, ngħid jien, jagħmlu bħal sid id-dar li bil-biża' li ser taqagħlu, ikaħħal, ibajjad, ibiddel l-injam, jirfed il-ħajt bis-siment u jagħmel minn kollox biex jilqagħlha mit-tmermir? Kieku jilbsu n-nuċċali, iwaħħlu l-batterija, jiżbgħu xagħarhom, jagħmlu l-messaġġi, jieħdu t-'tonic' u fl-aħħar, jarmaw il-bastun?

Ir-raġel mod. u m'għandniex xi ngħidu, il-mara ieħor......

Il-mara agħar imbagħad, għax rabtet qalbha, u bir-raġun, ma' l-aqwa fost iż-żmenijiet tagħha — iż-żgħożija; u, wara li titla' irrankata biex tasal fiha kmieni... tagħmel minn kollox biex tibqa' hemm... Gie li nqalbet...; l-iktar meta ħasset li waslet għaż-żmien l-ieħor... weħidha... u żammet f'daqqa... Inqalbet, għax ma reditx tkompli tmut... bla ma tnissel imwiet oħra. Inqalbet, għax daħlet fl-isqaq tal-ħolm tagħha... tax-xewqa tagħha, xewqa leġittima, iżda miċħuda... xewqa li twelled, twelled għall-mewt.

Senex fehemha d-dinja. Għalhekk fissirlu lil Juven, "Il-ħajja tirbaħha bil-mewt!" U Ibsen ukoll, fid-dramm tiegħu "When We Dead Wake", jara l-ħajja fil-mewt. Irene, il-vittma ta' Rubek, li tidher wara mewtha tgħidlu, "We see the irretrievable only when we dead wake", u meta jsaqsiha x'naraw u biex nintebħu hija twieġeb, "We see that we have never lived."

Iżda mhux Ibsen biss tkellem hekk fuq din il-ħajja. Santu Wistin, fil-Qrariet, l-Ewwel Ktieb, ma għarafx x'jaqbad isejħilha l-ħajja li fiha sab ruħu bla ma jaf mnejn ġie "jekk hux ħajja mewwieta jew mewt ħajja!"

Ma ħassejtx li għandi nsemmi nies ta' isem u qaddisin biex bħal nipperswadi; mhux meħtieġ; ikun ġiri u tiftix żejjed. Kull bniedem hu ktieb tiegħu nnifsu, huwa mera tas-sewwa, u bla ma jitqarraq, jagħraf u jifhem u jħoss li hemm il-mewt fil-ħajja u li l-mewt hi kullimkien.

M'hemmx għalhekk simboli iżjed tat-tfal u dgħajfa, għalkemm. nistqarr, meħtieġa għat-tfal u għad-dgħajfa, minn mustaxija... minn tubru... u minn kull xorta ta' vistu, biex niftakru u nfakkru fil-mewt. Miniex inħallas. Miniex nikkundanna l-kult li nagħtu lill-egħżież tagħna li għebu fl-eternità; iżda ma rridx nieqaf quddiem l-oqbra bħal Ugo Foscolo. u nagħmel l-aħħar stazzjon miċ-ċimiteru. Kif jista' jkun!

It-twemmin ta' Ruma, tal-martri, igħallimna b'dinja oħra, b'dinja akbar u aqwa; l-akbar u l-aqwa dinja — ħdan l-Etern Missier.

Dan il-passaġġ, din it-trapassjoni, mela hija fi ftit kliem, it-tmiem tal-mewt ta' kuljum u l-bidu ta' ħajja ta' dejjem.

PUBLIUS BORG.